

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.10212 — Andel/Energi Danmark)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 402/08)

1. Fl-24 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Andel a.m.b.a. (“Andel”, id-Danimarka),
- Energi Danmark A/S (“Energi Danmark”, id-Danimarka).

Andel takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani tat-totalità ta' Energi Danmark.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Andel: il-produzzjoni tal-enerġija, id-distribuzzjoni tal-enerġija, l-infrastruttura tal-fibra, u l-bejgħ u s-soluzzjonijiet tal-enerġija,
- għal Energi Danmark: il-kummerċ fiżiku u finanzjarju tal-elettriku, il-kummerċ taċ-ċertifikati, in-negozjar tal-gass naturali, iż-żejt, il-karbonju u l-enerġija mir-riħ, u l-ġestjoni tal-portafoll.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spċifikata:

M.10212 — Andel/Energi Danmark

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).